MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 34/2012

**N. Calleja Trading Enterprises Limited**

**Vs**

**Marco sive Marc Aquilina u b'digriet tal-5 ta' Gunju, 2012 giet kjamata in kawza Carisma Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimati ihallsuha s-somma ta' elf tlett mija disgha u erbghin euro u disghin ċenteżmu ta' euro [€1,349.90c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf tlett mija u disgha u erbghin euro u disghin ċenteżmu (€1,349.90c) rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjati lilu mir-rikorrenti fuq ordni tieghu stess;

Illi l-intimat gie interpellat ghal hlas diversi drabi iżda baqa inadempjenti u l-hlas ghadu dovut . Ir-rikorrenti anke baghat ittra uffiċjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12 datata s-26 ta' Settembru, 2011 (Dok A) iżda din baqghet ma ġietx notifikata minkejja diversi attentati ta' notifika, anke wara l-hinijiet legali;

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ma kellha ebda alternattiva ghajr li tibda dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddeciedi u jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' €1,349.90c;
2. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta' €1,349.90c.

Bl-ispejjez ġudizzjarji u extra ġudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti inkluż dawk tal-ittra uffiċjali imsemmija, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-11 ta' Mejju, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi, in linea preliminari, l-esponent Marco sive Marc Aquilina personalment m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attriċi kif dedotti, billi huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mas-socjeta attriċi, u ghalhekk ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess soċjetà attriċi;

2. Illi, fil-meritu, iżda minghajr preġudizzju ghas-suespost, is-socjeta attriċi ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi, fil-meritu, iżda minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti billi, inter alia, m'huwiex minnu illi l-esponent huwa debitur tas-socjeta attriċi fl-ammont indikat fl-avviz promotorju;

4. Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi";

Ra l-verbal datat 25 ta' Mejju, 2012 fejn Dr. Alexander Schembri b'referenza ghall-ewwel eċċezzjoni tal-intimat iddikjara li l-kumpanija li tigestixxi n-negozju fil-fond bl-isem ta' "Fratelli" hija s-socjeta Carisma Limited.

Ra r-rikors tas-socjeta rikorrenti datat 4 ta' Gunju, 2012 fejn talbet li tiġi msejjha fil-kawza s-socjeta Carisma Limited. Ra d-digriet tieghu datat 5 ta' Gunju, 2012 fejn it-Tribunal laqa' t-talba u ordna li tiġi msejjha fil-kawza s-socjeta Carisma Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta kjamata in kawża Carisma Limited mressqa fis-17 ta' Settembru, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. "Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjez kontra l-kumpanija attriċi, billi, inter alia, mhuwiex minnu li l-esponenti hija debitrici tal-istess attriċi fl-ammont indikat fl-avviz promotorju;

2. Illi, minghajr preġudizzju ghas-suespost, il-kumpanija attriċi ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi".

Ra l-verbal tas-6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta’ €1,349.90c rappreżentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom. L-intimat Marc Aquilina fl-ewwel lok qal li huwa personalment m’huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet kif dedotti, billi huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mas-socjeta rikorrenti u ghalhekk ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Kompla jghid li f’kull kaz, is-socjeta rikorrenti ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u f’kull kaz, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti billi, inter alia, m’huwiex minnu illi huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont indikat fit-talba. Is-socjeta kjamata in kawża laqghat ghal dawn it-talbiet tas-socjeta rikorrenti billi qalet li dawn ghandhom jiġu respinti billi, inter alia, mhuwiex minnu li hija debitrici tal-istess soċjetà rikorrenti fl-ammont indikat fit-talba. Ziedet tghid ukoll li s-socjeta rikorrenti ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2012 **xehdet Christine Calleja**, direttrici tas-socjeta rikorrenti. Hija qalet li s-socjeta rikorrenti kienet ikkonsenjat lir-‘Restaurant Fratelli’ konsenja ta’ prodotti ta’ ikel fuq medda ta’ zmien. Is-*salesman* tas-socjeta rikorrenti kien imur fl-imsemmi restuarant, kien jiehu l-ordni u madwar jumejn wara d-*delivery man* kien jiehu l-prodotti fl-istess restaurant. Meta kienu jigu kkonsenjati l-prodotti kien ikun

hemm id-*delivery note* li kienet tigi ffirmata minn l-individwu li kien jirceviha. Ziedet tghid li r-'Restaurant Fratelli' kien ghamel zmien ihallas l-ircevuta b'*cash on delivery* imbaghad sussegwentement minn kien ikun hemm fir-restaurant lid-*delivery man* kien jghidlu issa nhallsek darb'ohra.

Ix-xhud qalet li s-socjeta rikorrenti taf lil Mark Aquilina ghal dawn il-prodotti u lil hadd izjed. Is-*salesman* tas-socjeta rikorrenti fuq dik l-*area* kien jismu Tyron Mizzi li llum il-gurnata ma ghadux jahdem ma' s-socjeta' rikorrenti. Tghid li l-intimat kien wieghed lil dan is-*salesman* li huwa kien ser jibda jhallas xi haga mill-kont meta l-ammont dovut beda tiela. Qalet ukoll li hi kienet bdiet tishaq ma l-imsemmi Tyron Mizzi biex jigbor il-flus. Sahansitra dan Mizzi kien icempel lill-intimat minn quddiemha u dan kien jghidlu li "*halli f'idejja issa nhallsek*" (fol. 27).

Ix-xhud tkompli tghid li l-fattura relattiva kienet tinhareg fuq isem 'Fratelli'. Sussegwentement meta mbaghad bdew jigru wara l-intimat Aquilina ghal hlas huwa kien qalilhom sabiex johorgu l-i*statement* fuq 'Carisma'. Izid tghid li lill-intimat huma kienu ilhom jissupluh bill-prodotti taghhom sa minn qabel l-elfejn u ghaxra (2010) u qatt ma kellhom kwistjoni dwar l-isem u cioe' 'Carisma Limited' u Mark Aquilina. Il-kwistjoni tal-isem inqalghet, tghid ix-xhud, wara li huma bdejna jigru warajh sabiex isir il-hlas.

Mistoqsija jekk qatx kien hemm xi lment minn naha ta' l-intimat dwar il-prodotti taghhom, hija qalet li qatt ma kien hemm ilment. Qalet ukoll li meta l-intimat kien gie mitkellem huwa kien qalilhom li hekk kif jaghlaq il-hanut huwa kien ser ihallas id-dejn illi kellu mas-socjeta rikorrenti. Tghid li l-intimat "*dejjem kien jghidilna: 'tini ftit iktar cans, tini ftit iktar cans'*" (fol. 28).

Ix-xhud esebiet kopja tal-i*statements* u *invoices* ghar-rigward tal-prodotti li s-socjeta rikorrenti ssuppliet lill-intimat, liema dokumentazzjoni giet mmarkata bhala dokument CC1 (fol. 29 et seq).

In kontro ezami, meta giet mistoqsija jekk is-socjeta rikorrenti qattx harget *invoices* jew *statements* fuq Mark Aquilina jew fuq 'Carisma', hija wiegbet fin-negattiv. Ziedet tghid li dawn dejjem hargu fuq 'Fratelli'. Qalet ukoll li hi personalment qatt ma ltaqet ma' l-intimat Mark Aquilina u lanqas qatt ma kellimtu direttament izda kien ikellmu zewgha. Qalet li dak li xehdet dwaru tafu tramite s-*salesman* Tyron Mizzi u zewgha, apparti l-fatt li hija nvoluta fl-*accounts* u hija direttrici fis-socjeta rikorrenti u allura tinvolvi ruhha fil-gestjoni taghha.

Mistoqsija jekk ir-'Restaurat Fratelli' qadtx hallas b'cekk ix-xhud qalet li dejjem fi flus kontanti hallsu. Dwar l-ircevuti li esebiet ix-xhud, hija qalet li dawn ghadhom pendenti sal-lum u fuqhom hemm il-firma ta' l-istaff tal-hanut Fratelli.

Meta regghet xehdet ix-xhud fis-seduta sussegwenti, hija esebit *a detailed customer activity report* (dok. NC 01 a fol. 59). Skond dan id-dokument, l-intimat kien xtara xi prodotti minghand is-socjeta rikorrenti fl-4 ta' Jannar, 2010 u l-hlasijiet dejjem saru fi flus kontanti. Qalet ukoll li l-ordni kienet issir "*mic-chef li kien jimpjega Mark Aquilina*" (fol. 54). Meta ġiet mistoqsija ta' minn kienu l-firem fuq il-fatturi li gew ippreżentati minnha, hija qalet li "*... f'wahda minnhom cioe dik li hemm a fol. 34 tal-process hemm l-isem shih. Marley Grech. Il-bqija l-ohrajn ma nafx l-ismijiet ta' min ghamel dawk il-firem, però dawn ikun ghamilhom minn kien ikun qieghed jiehu hsieb ir-restuarant meta jkun mar id-delivery man hemmhekk*" (fol. 54).

B'referenza ghad-dokument li gie esebit minn Nigel Calleja u li gie mmarkat bhala dok. NC 02 (fol. 63), din ix-xhud, fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2013 qalet li din il-formola kien gabilha Tyron Mizzi wara li kienet imtliet minn Marcello "*li kien impjegat mar-restaurant I Fratelli*" (fol. 69). Meta dan is-*salesman* kien hadilha dan id-dokument kien hemm in-numru tal-karta ta' l-identita ta' l-intimat nieqes minnha u kien ghalhekk li dan is-*salesman* kien ċempel lil Marcello u dan imbaghad tah in-numru tal-karta ta' l-identita.

3. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012 xehed **Nigel Calleja**, direttur tas-socjeta rikorrenti. Beda biex qal li huwa jiehu hsieb l-*operations* kollha tas-socjeta rikorrenti. Qal li "*meta jigi klijent gdid is-sales man jimla credit form application, dan is-sales man jghaddili din l-applikazzjoni u jiena nivverifika personalment biex nara x'hobz jiekol dan l-individwu. Inkun jien li tajt l-awtorizazzjoni biex dak l-individwu jinghata l-kreditu mis-socjeta` minni rappreżentata*" (fol. 56). L-*account*, kompla jghid ix-xhud, kien infetah fuq 'Fratelli Restaurant'. Zied ighid li l-kontijiet kienu jithallsu minn Fratelli Restaurant "*u fuq il-credit form application li biha infetah l-account l-ewwel darba taht l-isem 'Fratelli Restaurant' hemm miktub l-isem ta' Mark Aquilina*" (fol. 56). Ghal bidu, l-fatturi kienu jinhargu fuq 'Fratelli Restaurant' u kienu jithallsu iżda mbaghad il-hlasijiet ma baqawx isiru. Zied ighid li meta bdew jaqghu lura fil-pagamenti huwa kien ċempel diversi drabi lil Mark Aquilina u dan kien jghidlu "*tini naqra cans issa nhallas*" (fol. 56). Hlasijiet però baqghu ma sarux.

Ix-xhud ighid li l-intimat Mark Aquilina qatt ma qallu li huwa personalment "*ma ghandux x`jaqsam mas-socjeta` minni rapprezentata jew li dan il-kont kellu jithallas minn haddiehor. Ahna dejjem nafu lil Mark Aquilina personalment ghal dan l-ammont li ghandu jaghtina*" (fol. 56). Sussegwentement, ikompli jghid ix-xhud, kien cempillu Mark Aquilina u qallu sabiex ma jibqax johrog fatturi fuq 'Fratelli Restaurant' izda dawn kellhom jibdew johorgu fuq 'Carisma Limited'. L-isem 'Carizma Limited' beda jintuza fuq talba ta' Mark Aquilina. Mistoqsi dwar l-*istatement* li harget is-socjeta rikorrenti, x-xhud qal li l-intimat qatt ma ikkontestah. Dwar l-ammont pendenti, x-xhud ighid li huwa "*kemm il-darba kont nghidlu lil Mark Aquilina aqtaghhomli, u hu kien jghidli "toqghodx tinkwieta, hekk ser naghmel". Semmieli wkoll illi l-hanut kellu jitwilla u lili qalli li kif appena naqbad il-key money jiena nkun nista nhalsek*" (fol. 56).

Ix-xhud qal li t-talba biex minn 'Fratelli Restaurant' jinqaleb ghal 'Carisma Limited' saret bejn Lulju u Awwissu fl-2010. Qal ukoll li "*dak iz-zmien kellu diga kont pendenti ta` madwar hames mitt euro (€500) precizament hames*

*mija u tlettax il-euro (€513)*" (fol. 56). Wara l-bidla ta' l-isem tal-kont minn Fratelli Restaurant ghal Carisma Limited is-socjeta rikorrenti xorta wahda baqghet tissupplixxi l-prodotti taghha u l-intimat dejjem kien jghidilhom "*issa nhallaskhom*" (fol. 56). Ix-xhud qal ukoll li s-socjeta rikorrenti kienet aċċettat li l-i*statement* idur minn 'Fratelli Restaurant' ghal 'Carisma Limited'. Sussegwentement u in ri-ezami, x-xhud qal li "*Mark Aquilina taghha l-istruzzjonijiet biex johrog fl-istatment of account minn fuq 'I Fratelli' ghal fuq 'Carisma Limited' wara li kienu diga nhargu l-invoices li gew ezebiti minni f`dawn il-proceduri*" (fol. 57).

Zied ighid li s-socjeta rikorrenti kienet bieghet *in good faith* lil Mark Aquilina u "*ma nippretendix li issa jigi u jingannani billi hu jghid li hu ma ghandux x`jaqsam mieghi*" (fol. 56).

Ix-xhud kompla jispjega li fuq il-*credit agreement* li semma' fix-xhieda tieghu, (dok. NC 02 a fol. 63), liema *credit agreement* kien gabilu s-*sales man* imkien ma tissemma s-socjeta Carisma Limited. Kien hemm miktub Fratelli u bhala "*owners name*" kien hemm Marc Aquilina. Xi ftit żmien wara li huwa kien beda jcempillu ghal flus, l-intimat kien qallu sabiex ibiddel l-isem minn 'I Fratelli' ghal 'Carisma Limited'. Fil-fatt, ikompli jghid ix-xhud kien anke biddel l-*credit form application.* Qal li "*jekk niftakar sew kienet giet amendata l-credit form originali li kienet giet iffirmata fejn kien hemm indikat l-isem 'I Fratelli'*" (fol. 57).

Qal li meta s-socjeta rikorrenti ġieli baghtet xi xoghol ghal 'Fratelli', dan ix-xoghol intbaghat lura u kienu jghidulhom sabiex jibghatuh fuq Carisma Limited u dan peress illi l-fattura ma kienetx tghajjat kif riedha l-intimat. Meta gie mixtoqsi jekk jafx li 'I Fratelli' hija *trade name* ix-xhud qal li "*dahaq bija*" (fol. 57).

4. Fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2013 xehed l-intimat **Marc Aquilina**. Beda biex qal li huwa azzjonist fis-socjeta' Carisma Limited u li din is-socjeta kienet tiggestixxi hanut bl-isem ta' Fratelli. Kompla jghid li huwa qatt ma mexxa da nil-hanut u kien ihalli f'idejn il-*managers* tieghu biex imexxuh. Dawn "*il-managers tieghi kienu Marcello*

*Anastasi u Silvana Naudi*" (fol. 66). Qal li huwa qatt ma cempel lis-socjeta' rikorrenti sabiex jaghmel xi ordni ghal hanut. Imbaghad f'Dicembru tas-sena 2010 jew f'Jannar tas-sena 2011 huwa kien sar direttur tas-socjeta kjamata in kawza, izda azzjonista kien minn dejjem fiha. Qal ukoll li li s-socjeta kjamata in kawza sejra thallas il-kredituri taghha kollha "*malli nbiegh dan il-hanut meta qed nghid ser tbiegh Carisma Limited tkun qeghda tbiegh l-assi taghha gol-hanut il-ghaliex il-binja m'hijiex taghha imma hi tikri lill-haddiehor*" (fol. 66). Meta l-intimat gie mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa jafx lil Nigel Calleja, l-intimat qal li "*ma ghandix ideja min hu pero' gieghli kellimni xi hadd mis-socjeta' rikorrenti pero' ma nafx jekk kienx Nigel Calleja jew xi salesman li kellimni*" (fol. 66). Meta t-Tribunal qralu parti mix-xhieda li kien ta' l-imsemmi Nigel Calleja, l-intimat wiegeb u qal li "*jiena lil dan Nigel Calleja ma nafx jekk kienx hu li kien icempilli kienu jcempluli minn N Calleja imma ma nafx jekk hux Nigel Calleja li kien ikellimni*" (fol. 66).

Mistoqsi jekk huwa kienx talab lir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti sabiex ibiddel l-*invoicing* minn fuq Fratelli Restaurant ghal fuq Carisma Limited huwa cahad da nil-fatt. Qal li "*is-segretarji tieghi kienu jcemplu lis-segretarji tas-socjeta' rikorrenti sabiex jirrangaw l-invoices li jkunu ntbaghtulna, dan fis-sens illi jekk kienu hargu Fratelli Restaurant dawn kellhom jittrangaw ghal Carisma Limited. Ahna kellna kwistjoni mal-VAT Department u allura ghalhekk ahna konna nitolbu lis-socjeta' rikorrenti sabiex tohrog l-invoices fuq Carisma Limited*" (fol. 66-67).

Dwar il-pagamenti li kienu jsiru lis-socjeta rikorrenti, l-intimat qal li dawn "*qatt ma kienu jsiru minn Mark Aquilina imma minn Carisma Limited*" (fol. 67).

L-intimat sahaq ukoll li meta huwa fforma s-socjeta Carisma Limited huwa kien ta "*ordni illi l-invoice jridu johorgu kif suppost u cioe' fuq Carisma Limited sabiex ma jkollnix kwistjonijiet mal-VAT Department*" (fol. 67). Zied ighid li huwa personalment ma jaghmilx negozju u dan dejjem isir tramite l-kumpaniji tieghu. Anke l-impjegati li

kien hemm fil-Fratelli Restaurant kienu impjegati tas-socjeta kjamata in kawza.

Mistoqsi mit-Tribunal min kien ghamel kuntatt l-ewwel darba mal-kumpanija rikorrenti, l-intimat qal li ma kienx hu. Huwa qal li l-impjegati li kien hemm fil-Fratelli Restaurant kienu jafuh u ghalhekk kien hemm ismu fuq id-dokument mmarkat bhala NC 02 (fol. 63). Mistoqsi kif ingieb n-numru tal-karta ta’ l-identita tieghu, huwa qal “*ma nafx kif ikunu gabuh*” (fol. 67).

In kontro-ezami, huwa qal li l-impjegati tas-socjeta kjamata in kawża kienu jaghmlu l-ordnijiet mas-socjeta rikorrenti. Huwa kien jaf li kienu qeghdin isiru dawn l-ordnijiet. F’dan iz-zmien huwa kien ghadu biss azzjonist fis-socjeta kjamata in kawża u kien biss meta beda jinqala l-inkwiet fis-socjeta kjamata in kawża li huwa sar direttur fiha. Ighid li “*tlabt fil-fatt illi niehu hand over u jkolli l-invoice kollha sabiex inkun naf il-pozizzjoni x’inhi*” (fol. 71).

Muri l-*customer activity detailed report* li hemm esebit a fol 59 tal-process, l-intimat qal li “*jiena qatt ma ghidt illi l-invoice li kien hemm ma humiex dovuti rrid nivverifika liema huma dawk pero’ dovuti. Id-dokument li hemm a fol 59 tal-process l-ewwel darba li qieghed narah*” (fol. 71). Imbaghad qal li “*dawn huma dovuti pero’ minn Carisma Limited u mhux minni personalment*”.

B’referenza ghal meta qal li l-hanut I Fratelli huwa proprjetà tas-socjeta kjamata in kawża, u li kredituri kollha li kien hemm kellhom jithallsu wara li jinbiegh dan il-hanut, l-intimat qal li huwa kien “*qieghed nghid ghar-rigward ta’ ‘I Fratelli Restaurant’, il-hanut pero’ m’huwiex propjeta’ u huwa mikri lil Carisma Limited. Il-kontenut ta’ gol-hanut pero’ huwa tieghu u cioe’ tal-kumpanija Carisma Limited*” (fol. 71). Qal li sal-lum huwa ghadu ma bieghhx il-kontenut ta’ dan il-hanut. Zied ighid li qieghed jipprova jbiegh ukoll il-*goodwill* u “*kif appena nbiegh kif diga ghidt jiena nhallas dan il-kreditu*” (fol. 71).

L-intimat sahaq li huwa djjem wera lis-socjeta rikorrenti li huwa dejjem kien qieghed jopera minn dan il-hanut bhala

Carisma Limited u żied ighid li "*qatt ma tajthom x'jifhmu li kont qieghed ninnegozja f'ismi. L-instructions tieghi minn meta giet iffurmata l-kumpanija Carisma dejjem kienu illi kull invoice li ghandha x'taqsam ma' dan il-hanut kellhom johorgu fuq Carisma Limited*" (fol. 71). Qal li lill-Marcello, li kien Manager mas-socjeta kjamata in kawża, huwa dejjem tah struzzjonijiet sabiex meta jaghmel xi ordni jaghmilha ghan-nom tal-kumpanija u mhux ghan-nom tieghu personalment.

B'referenza ghall-VAT number li kien hemm fuq il-fatturi mahrugin mis-socjeta rikorrenti, l-intimat qal li dan in-numru huwa tas-socjeta kjamata in kawża u minn dejjem kien hemm, mill-ewwel gurnata.

5. Fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2013 xehdet **Veronica Cefai**. Hija qalet li hi tahdem bhala skrivana mas-socjeta Rainbow Mix u li din is-socjeta tappartjeni lill-intimat Marc Aquilina. Mill-ufficini li ghandha s-socjeta Rainbow Mix f'Wied Incita joperaw diversi kumpaniji ohra ilkoll propjeta' ta' Marc Aquilina fosthom is-socjeta kjamata in kawza u cioe Carisma Limited li hija propjeta' ukoll ta' l-intimat Marc Aquilina. Fost id-doveri taghha, tkompli tghid din ix-xhud, hija taghmel xi xoghol ukoll ghas-socjeta kjamata in kawza.

Qalet li s-socjeta kjamata in kawza kellha restaurant jismu 'I Fratelli'. Stqarret li l-intimat personalment ma ghandu l-ebda negozju li jopera minn dan ir-restuarant u li n-negozju li ghandu l-intimat huwa kollu operat minn kumpaniji.

Meta giet murija d-dokument li hemm a fol 29 tal-process hija qalet li dan ir-restaurant huwa operat mis-socjeta kjamata in kawza Carisma Limited biss. Qalet li hija ilha tahdem ma dawn il-kumpaniji propjeta' tal-intimat ghal dawn l-ahhar hames snin. Mistoqsija dwar in-numru tal-VAT li hemm fuq dan id-dokument, ix-xhud qalet li dan jghajjat lis-socjeta Carisma Limited u li l-intimat ma ghandu l-ebda mpjegat personalment u lanqas ma ghandu numru tal-VAT registrat fuq ismu. Parti mix-xoghol taghha, tkompli tghid ix-xhud huwa li hi tiehu "*hsieb illi l-*

*invoices kollha li jaslu ghandna jkunu ndirizzati lil dik il-kumpanija li tkun qeghda tiggestixxi n-negozju f'dan il-kas Carisma Limited. Jekk ikun hemm xi invoice li ma tohrogx fuq dik il-kumpanija li tkun qeghda tiggestixxi n-negozju jiena niehu hsieb li nikkomunika mal-persuna li tkun harget l-invoice jew l-istatement sabiex tirranga dan l-izball*" (fol. 76).

Finalment, ix-xhud qalet li hi taqbel "*illi l-ammont indikat fuq l-istatement a fol 29 tal-process huwa realment dovut pero' huwa dovut minn Carisma Limited*" (fol. 76).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Is-socjeta rikorrenti qeghda tghid li hija ma kienitx taf li kienet qeghda tikkuntratta mas-socjeta kjamata in kawża u taf biss lill-intimat Marc Aquilina bhala l-persuna li kienet qeghda taghmel in-negozju mieghu. L-intimat da parti tieghu jghid li s-socjeta rikorrenti naqset f'dan ir-rigward l-ghaliex messha indunat li hi kienet qeghda tikkontratta ma soċjetà b'responsabbilita limitata.

7. Fuq dan il-punt insibu s-segwenti deċiżjonijiet moghtija mill-Qrati taghna:

i. **Charles O'Flaherty noe vs Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirriżultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta attriċi li l-hlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummercjali*"

ii. **Charles Mizzi et noe vs Teddie sive Edward Bor**g deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju, 1990:

"*La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma*

*ghamiliex f'ismu personalment iżda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel*"

iii. **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April, 1992 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Illi hija haġa mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratt f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun raġonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni ... Il-Qorti ssaqsi: Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta attriċi (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-scjeta attriċi biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex żeffen fin-nofs lis-socjeta tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?*"

iv. **Joseph Stellini noe vs Emmanuel Cassar** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April, 1993:

"*... din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur ... seta ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent*"

v. **Edmond Barbara vs Victor Vella** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Gunju, 1993 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Huwa prinċipju stabbilit illi, fin-nuqqas ta' provi ċari li juru l-kuntrarju, minn jikkontratta jitqies li kkontratta f'ismu stess: il-mandat ma jistax jiġi preżunt; anzi fin-nuqqas ta' provi ċari l-mandat ghandu jiġi eskluż*" u "*Ghalhekk min ma jkunx qieghed jikkontratta f'ismu iżda f'isem haddiehor*

*ghandu l-obbligu li juri dan lill-parti l-ohra u jghid ukoll f'isem min qieghed jidher*".

vi. **Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono noe** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu, 2002 inghad li:

"*Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn soċjetà b'responsabilita limitata, u ghaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut Michael Debono] li jġib il-prova li s-socjeta attriċi kienet ġiet mgharrfa li n-negozju kien qieghed jiġi gestit minn soċjetà kummerċjali, skond hu s-socjeta [M.A. Spermarkets Limited]*"

8. Applikati dawn il-principji legali hawn fuq esposti ghall-provi prodotti jirrizulta li l-intimat sar direttur tas-socjeta kjamata in kawża f'Dicembru, 2010/Jannar, 2011. Qabel hu kien biss azzjonista fl-imsemmija soċjetà. L-intimat ressaq ukoll bhala prova li huwa ma ghandu l-ebda negozju f'ismu personali u li huwa dejjem iggestixxa n-negozju tramite kumpaniji, inkluż dik kjamata fil-kawza. Irrizulta li qabel ma beda n-negozju, Tyron Mizzi, *salesman* mas-socjeta rikorrenti kien mar fil-hanut I Fratelli u hemm imtliet "*New Customer Account Form*" (fol. 63). Minn qari ta' din il-formola, jirrizulta li l-*outlet* gie reġistrat bhala I Fratelli, filwaqt li bhala sid tniżżel isem l-intimat Marc Aquilina. Hemm ukoll in-numru tal-VAT 1788-1685 li mill-provi jirrizulta li jsejjah lis-socjeta kjamata fil-kawza. Din il-formola mtliet minn Marcello, li huwa Manager impjegat mas-socjeta kjamata in kawża. Jirrizulta ukoll li ghal bidu, n-negozju kien isir billi ma kull konsenja ta' oġġetti da parti ta' l-addetti tas-socjeta rikorrenti lill-hanut I Fratelli kienu jithallsu fi flus kontanti l-fatturi relattivi. Man man li beda jghaddi z-zmien, dawn il-

hlasijiet ma baqghux isiru u kien hawn li beda l-inkwiet. Ghal habta ta' Lulju/Awissu, 2010 is-socjeta rikorrenti kienet aċċettat li l-kont idur min fuq isem I Fratelli ghal fuq is-socjeta kjamata in kawża. Il-fatturi f'dan il-perjodu bdew johorgu I Fratelli, u meta l-addetti li kienu qeghdin imexxu dan l-istabbiliment kienu qed jirċievu l-fatturi intestati b'dan il-mod, huma kienu jibghatu x-xoghol lura sabiex dawn l-istess fatturi jinhargu fuq isem is-socjeta kjamata in kawża.

9. It-Tribunal ma jsib l-ebda problema li jghid li l-fatturi kollha sa l-ahhar ta' Awwissu, 2010 ghandhom jithallsu mill-intimat personalment u dan peress li ma kienx mistenni mis-socjeta rikorrenti li tkun taf x'kien l-arrangament bejn l-intimat u s-socjeta kjamata in kawża. Qatt ma nghatat x'tifhem li hija kienet qeghda tikkuntratta ma soċjetà b'personalita ġuridika separata u mill-provi jirrizulta li hi baqghet tirrikonoxxi lill-intimat ghall-merkanzija li kienet qeghda tbiegh lil hanut I Fratelli. Wara Awwissu, 2010 u wara li hija kienet aċċettat li tbiddel il-kont u taghmlu fuq isem is-socjeta kjamata in kawża, is-socjeta rikorrenti ma tistax tghid li ma kienitx taf li kienet qeghda tikkuntratta ma persuna ohra u mhux ma l-intimat. Fil-fatt irriżulta li meta kien qieghed jintbaghat xi xoghol fuq isem I Fratelli, dan kien qieghed jintbaghat lura sabiex il-fattura relattiva tohrog fuq isem is-socjeta kjamata in kawża.Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Nigel Calleja jghid li "*Mark Aquilina taghha l-istruzzjonijiet biex johrog fl-istatment of account minn fuq 'I Fratelli' ghal fuq 'Carisma Limited' wara li kienu diga nhargu l-invoices li gew ezebiti minni f`dawn il-proceduri*" (fol. 57). Fir-rejalta, uhud mill-invoices li gew esebiti huma datati wara Awwissu, 2010 u allura t-Tribunal jifhem li x-xhud qal dan id-diskors wara li fehem li l-intimat kien qieghed jipprova jahrab mill-obbligi tieghu li jhallas lis-socjeta rikorrenti ghall-oggetti mixtrija minghandha. Ghalhekk kif diga inghad, it-Tribunal sejjer jaqsam l-ammont reklamat ta' €1,349.90 f'zewg ammonti biex jirriflettu l-perjodi hawn imsemmija. Is-socjeta rikorrenti kienet libera li ma tibqax tissuplixxi lill-hanut I Fratelli wara li kien tbiddel l-isem tal-kont, izda minkejja dan, hija baqghet tfornih b'oggetti u ghalhekk issa ma

tistax tghid li hija ma kienetx qeghda tirrikonoxxi lis-socjeta kjamata in kawza ghal ebda ammont.

10. Mill-atti processwali jirrizulta li sa l-ahhar ta' Awwissu, 2010 kien hemm dovut l-ammont ta' €833.39c filwaqt li minn Settembru, 2010 sa Novembru, 2010 kien hemm €516.51c. L-ewwel ammont ta' €833.39c ghalhekk, u in vista ta' dak li ghadu kif inghad huwa dovut mill-intimat filwaqt li l-ahhar ammont ta' €516.51c huwa dovut mis-socjeta kjamata in kawża.

11. Illi ghar-rigward ta' l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, dan fir-rejalta, ghalkemm gie kkontestat mill-intimat u mis-socjeta kjamata in kawża, mix-xhieda ta' Veronica Cefai, ftit li xejn hemm wiehed xi jghid hlief li jirrizulta li l-ammont reklamat huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u tas-socjeta kjamata in kawża kull fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jiddikjara li l-intimat ghandu jhallas parti mill-ammont dovut, filwaqt li l-kumplament ta' l-ammont huwa dovut mis-socjeta kjamata in kawża.

Konsegwentement qieghed:

i. jiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija tlieta u tletin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta' euro (€833.39c) u konsegwentement jikkundannah ihallas dan l-ammont lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet kif mitluba sad-data tal-hlas eventwali.

ii. Jiddikjara li s-socjeta kjamata in kawża ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u sittax-il euro u wiehed u hamsin ċenteżmu ta' euro (€516.51c) u konsegwentement jikkundannaha thallas dan l-ammont lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet kif mitluba sad-data tal-hlas eventwali.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal żewġ terzi mill-intimat u ghar-rimanenti terz mis-socjeta kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------